IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

2016/0206 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada min-naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fuq il-bażi tad-direttivi tan-negozjar adottati mill-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea nnegozjat Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bil-ħsieb li tiġi stabbilita relazzjoni ekonomika avvanzata u privileġġata mal-Kanada. Il-Kanada hija sieħeb strateġiku tal-Unjoni Ewropea li miegħu naqsmu mgħoddi bbażat fuq valuri u interessi komuni u li miegħu nixtiequ wkoll niddefinixxu relazzjoni pożittiva li tħares 'il quddiem għall-ġejjieni. Dan għandu joħloq opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u l-investiment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada, b'mod partikolari permezz ta' aċċess aħjar għas-suq tal-prodotti u s-servizzi u regoli aħjar dwar il-kummerċ għall-atturi ekonomiċi.

Għal dan l-għan, l-UE u l-Kanada laħqu ftehim ambizzjuż li se jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u l-investiment għall-atturi ekonomiċi fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. Permezz ta' dan il-Ftehim iż-żewġ naħat enfasizzaw ukoll l-importanza li l-attività ekonomika sseħħ fi ħdan qafas ta' regolamentazzjoni ċar u trasparenti definit mill-awtoritajiet pubbliċi u li huma jqisu d-dritt li jirregolaw fl-interess pubbliku bħala prinċipju sottostanti tal-Ftehim.

Il-proposta mehmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali għall-iffirmar tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (Comprehensive Economic and Trade Agreement)
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa u l-Kanada min-naħa l-oħra.

In-negozjati tas-CETA tlestew u ġew inizjalat fil-livell tan-Negozjaturi Kap fl-1 ta' Awwissu 2014 u l-President Barroso, il-President Van Rompuy u l-Prim Ministru Harper konġuntament ħabbru t-tmiem tan-negozjati CETA fis-Summit UE-Kanada fis-26 ta' Settembru 2014 u wara dan it-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fl-istess ġurnata. It-test rieżaminat legalment tas-CETA ġie ppubblikat fid-29 ta' Frar 2016 u jinsab f'din il-ħolqa:

http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2014/september/tradoc_152806.pdf

• Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

L-UE u l-Kanada għandhom storja twila ta' kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika, żviluppata mill-Qafas ta' Ftehim tal-1976 għall-Kpoperazzjoni Kummerċjali u Ekonomika, mill-Pjan ta' Azzjoni Konġunta tal-1996 u mill-Inizjattiva Kummerċjali UE-Kanada tal-1998. Barra minn hekk, l-UE u l-Kanada kkonkludew bosta ftehimiet settorjali bilaterali, notevolment il-Ftehim tal-1996 dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, il-Ftehim tal-1998 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Valutazzjonijiet tal-Konformità, il-Ftehim Veterinarju tal-1998, il-Ftehim tal-1999 dwar il-Kompetizzjoni, il-Ftehim tal-2003 dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed u l-Ispirti, il-Ftehim tal-2009 dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili u il-Ftehim Komprensiv tal-2009 dwar it-Trasport bl-Ajru.

Dawn il-ftehimiet ser jibqgħu fis-seħħ bl-eċċezzjoni li:

Il-Ftehim tal-1989 dwar ix-Xorb Alkoħoliku u l-Ftehim tal-2003 dwar l-Inbejjed u l-Ispirti se jiġu inkorporati u jsiru parti mis-CETA, kif emendat bl-Anness 30-B.

Il-Ftehim tal-1998 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku se jiġi tterminat fid-data tad-dħul fis-seħħ tas-CETA.

L-UE u l-Kanada jirrikonoxxu l-kisbiet li saru bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik tal-annimali fir-rigward tal-kummerċ fl-annimali ħajjin u l-prodotti tal-annimali, magħmul f'Ottawa fis-17

ta’ Diċembru 1998 (il- “Ftehim Veterinarju”) u jikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jkomplu din il-ħidma fil-qafas tas-CETA. Il-Ftehim tal-1998 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku se jiġi ssostitwit mis-CETA fid-data tad-dħul fis-seħħ tas-CETA.

Il-ftehimiet bilaterali elenkati hawn taħt għandhom jiefqu milli jkollhom effett u għandhom jiġu ssostitwiti mis-CETA. It-terminazzjoni ta' dawn il-ftehimiet għandha ssir effettiva fid-data tad-dħul fis-seħħ tas-CETA.

- Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Gvern tal-Kanada dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul f’Ottawa fit-3 ta’ Frar 1997.
- Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Kanada dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul fi Praga fis-6 ta’ Mejju 2009.
- Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Ungerija u l-Gvern tal-Kanada dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f’Ottawa fit-3 ta’ Ottubru 1991.
- Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja u l-Gvern tal-Kanada dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul f’Riga fil-5 ta’ Mejju 2009.
- L-Iskambju ta’ Noti bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta li Jikkostitwixxi Ftehim Dwar l-Assigurazzjoni tal-Investiment Barrani, magħmul f’Valletta fl-24 ta’ Mejju 1982.
- Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja u l-Gvern tal-Kanada dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f’Varsavja fis-6 ta’ April 2009.
- Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Rumanija u l-Gvern tal-Kanada dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f’Bucharest fit-8 ta’ Mejju 2009.
- Il-Ftehim bejn ir-Repubblika Slovakka u l-Gvern tal-Kanada dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul fi Bratislava fl-20 ta’ Lulju 2010.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Is-CETA huwa kompletament konsistenti mal-politiki tal-Unjoni, inklużi dawk li jaffettwaw il-kummerċ internazzjonali. F’dan ir-rigward, is-CETA mhux se jnaqqas jew jemenda l-leġiżlazzjoni tal-UE, u lanqas mhu se jemenda, inaqqas jew jelimina l-istandards tal-UE f’xi qasam regolat. L-importazzjonijiet kollha mill-Kanada se jkollhom jissodisfaw ir-regoli u r-regolamenti tal-UE (pereż. ir-regoli tekniċi u l-istandards tal-prodotti, ir-regoli sanitarji jew fitosanitarji, ir-regolamenti dwar l-ikel u s-sikurezza, l-istandards tas-saħħa u s-sikurezza, ir-regoli dwar il-GMOs, il-ħarsien ambjentali, il-ħarsien tal-konsumatur, eċċ...).

Is-CETA jinkludi wkoll kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, il-Kummerċ u x-Xogħol u l-Kummerċ u l-Ambjent, li jorbtu l-ftehim kummerċjali mal-objettivi kumplessivi tal-UE għal żvilupp sostenibbli u ma' objettivi speċifiċi fil-qasam tax-xogħol, l-ambjent u t-tibdil fil-klima.

Barra minn hekk, bħal f’kull ftehim kummerċjali ieħor tagħha fis-CETA, l-UE tissalvagwardja bis-sħiħ is-servizzi pubbliċi. L-Istati Membri tal-UE ser ikunu jistgħu joperaw

monopolji pubbliċi għal servizz partikolari jekk ikunu jixtiequ. Is-CETA mhux se jġiegħel jew jinċita lill-gvernijiet jipprivatizzaw jew jidderegolamentaw servizzi pubbliċi bħall-provvista tal-ilma, is-saħħa, is-servizzi soċjali jew l-edukazzjoni. L-Istati Membri tal-UE ser ikomplu jkunu jistgħu jiddeċiedu dwar liema servizzi jkunu jixtiequ jżommu universali u pubbliċi u li jissussidjawhom jekk ikunu jridu. Barra minn hekk, xejn fis-CETA ma jwaqqaf gvern fi Stat Membru tal-UE milli jreġġa' lura fil-futur fi kwalunkwe ħin kull deċiżjoni awtonoma li seta' jkun ħa li jipprivatizza dawn is-setturi.

Is-CETA jiżgura li d-dritt tal-Gvernijiet li jirregolaw għall-politiki pubbliċi huwa mħares bis-sħiħ. Barra minn hekk, kull deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tas-CETA trid tiġi approvata minn kull Parti u għalhekk hija soġġetta għar-rekwiżiti u l-proċeduri interni applikabbli tal-UE.

Il-Forum tal-Kooperazzjoni Regolatorja fi ħdan is-CETA se jiffunzjona bħala mekkaniżmu volontarju ta' kooperazzjoni biex jiġu skambjati l-esperjenzi u l-informazzjoni rilevanti bejn ir-regolaturi u biex jgħin biex jiġu identifikati oqsma fejn ir-regolaturi jistgħu jikkooperaw. Mhux se jkun jista' jibdel ir-regolamenti eżistenti jew jiżviluppa leġiżlazzjoni ġdida. Il-Forum tal-Kooperazzjoni Regolatorja se jipprovdi biss assistenza u jagħmel suġġerimenti lir-regolaturi u lil-leġiżlaturi. Bl-ebda mod mhu se jillimita s-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tar-regolaturi fl-Istati Membri tal-UE jew fil-livell tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

CETA għandu l-istess objettivi u essenzjalment l-istess kontenut bħal dak il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore (EUSFTA). Għalhekk, il-kompetenza tal-Unjoni hija l-istess fiż-żewġ każijiet. Quddiem id-dubji espressi fir-rigward tal-firxa u n-natura tal-kompetenza tal-Unjoni li tikkonkludi EUSFTA, f'Lulju 2015, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja għal opinjoni skont l-Artikolu 218(11) TFUE (kawża A — 2/15). Fil-kawża A -2/15 il-Kummissjoni esprimiet il-fehma li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva biex tikkonkludi l-EUSFTA waħedha u li alternattivament, għandha tal-inqas kompetenza kondiviża f'dawk l-oqsma fejn il-kompetenza tal-Unjoni mhijiex esklussiva. Madankollu, bosta Stati Membri esprimew opinjoni differenti. Fid-dawl ta' dan, u sabiex ma jkunx hemm dewmien fl-iffirmar tal-Ftehim, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi l-iffirmar tal-Ftehim bħala ftehim imħallat. Madankollu, dan huwa mingħajr preġudizzju għall-opinjonijiet espressi mill-Kummissjoni fil-kawża A — 2/15. Ladarba l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha fil-kawża A-2/15, se jkun meħtieġ li jsiru l-konklużjoni xierqa.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-politika kummerċjali komuni, f'konformità mal-Artikolu 3 tat-TFUE, hija definita bħala kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li kwistjonijiet oħra li ma jaqgħux taħt il-politika komuni kummerċjali koperti minn dan il-Ftehim jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija skont il-viżjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u tikkontribwixxi għall-objettivi kummerċjali u ta' żvilupp tal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija skont l-Artikolu 218(5) TFUE, li jipprevedi li deċiżjonijiet dwar ftehimiet internazzjonali jiġu adottati mill-Kunsill. Ma jeżisti ebda strument ġuridiku ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-objettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Qabel il-bidu tan-negozjati mal-Kanada, fl-2007 l-UE u l-Kanada ddeċidew li jwettqu flimkien studju biex jeżaminaw u jivvalutaw il-kostijiet u l-benefiċċji ta' sħubija ekonomika eqreb. Fil-kuntest ta' dan l-istudju konġunt[1], il-Kummissjoni Ewropea u l-Kanada wettqu żewġ konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati. Il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili minn fuq il-web fi Frar u f'Marzu 2008 abbażi ta' kwestjonarju li kien ikopri l-aspetti differenti tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-UE u l-Kanada. F'Marzu u April 2008, il-Kanada, qassmet kwestjonarju simili fost il-membri tal-kumitat domestiku tat-tmexxija tagħha.

Parti kbira tar-rispondenti esprimew il-fehma li, minkejja r-robustezza eżistenti tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u l-Kanada, kien għad hemm ħafna ostakli u għalhekk potenzjal kbir biex tittejjeb ir-relazzjoni bilaterali.

Kien hemm kunsens ġenerali fost ir-rispondenti mill-UE li kooperazzjoni ekonomika msaħħa bejn il-Kanada u l-UE kienet mixtieqa.

Deher li kien hemm enfasi partikolari fuq il-ħtieġa li jitneħħew it-tariffi għoljin u l-ostakoli mhux tariffarji onerużi għall-kummerċ kif ukoll talba qawwija għal kooperazzjoni regolatorja aħjar.

Barra minn hekk, matul in-negozjati tas-CETA, intużaw firxa ta' metodi ta' konsultazzjoni fil-kuntest tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq is-Sostenibbiltà[2]. Dan kien jinkludi, fost l-oħrajn, laqgħat mas-soċjetà ċivili, sessjoni ta' ħidma mal-partijiet konċernati u websajt tal-proġett b'forum għad-diskussjoni. Il-laqgħat mas-soċjetà ċivili saru fi Brussell u f'Ottawa u attendew għalihom firxa wiesgħa ta' gruppi ta' interess differenti u l-unjins. Il-laqgħa ta' ħidma tal-partijiet konċernati li saret f'Ottawa inkludiet parteċipanti mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija jew tan-negozju, organizzazzjonijiet tax-xogħol, unjins tal-ħaddiema pubbliċi u unjins tal-ħaddiema mis-settur privat, organizzazzjonijiet ambjentali, eċċ. Bosta akkademiċi u esperti minn istituzzjonijiet għamlu wkoll kummenti utli dwar il-VIS.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sar studju Konġunt bejn l-UE u l-Kanada bl-għajnuna tal-Professur Walid Hejazi (Rotman Business School, Università ta' Toronto) għall-abbozzar ta' dan l-istudju u tal-Professur Joe Francois (Università ta' Linz) għall-parti tal-mudelli ekonomiċi tal-istudju.
Il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq is-Sostenibilità tas-CETA saret mill-kuntrattur estern "Development Solutions".

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'Ottubru 2008, l-UE u l-Kanada ħarġu l-istudju konġunt tagħhom "Assessing the costs and benefits of a closer EU-Canada economic partnership". Dak iż-żmien l-istudju indika li l-

[1] http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2008/october/tradoc_141032.pdf
[2] http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/september/tradoc_148201.pdf

liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi se jkolha benefiċċji kemm għall-UE kif ukoll għall-Kanada. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fil-wesajt tal-Eurostat:

http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2008/october/tradoc_141032.pdf

Barra minn hekk il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq is-Sostenibbiltà (VIS) li saret matul in-negozjati, tipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-impatti potenzjali tal-liberalizzazzjoni kummerċjali skont il-Ftehim. L-analiżi tivvaluta l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali fuq il-Kanada u fuq l-Unjoni Ewropea fi tliet setturi ewlenin, sittax-il sottosettur u seba' kwistjonijiet trasversali. Hija tivvaluta wkoll l-impatti potenzjali tas-CETA fuq l-Istati Uniti, il-Messiku u pajjiżi u reġjuni oħra, inkluż għadd ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll il-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej ta' Saint-Pierre-et-Miquelon u Greenland. It-termini ta' referenza, ir-rapport interim u r-rapport finali jinsabu fil-websajt tad-DĠ Kummerċ:

http://ec.europa.eu/trade/policy/policy-making/analysis/sustainability-impact-assessments/assessments/#study-geo-14

L-UE u l-Kanada laħqu ftehim ambizzjuż li se jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u l-investiment fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku u li se jsostni l-impjiegi fl-Ewropa. Is-CETA ser ineħħi d-dazji doganali, itemm il-limitazzjonijiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi, jinfetaħ is-suq tas-servizzi, joffri kundizzjonijiet prevedibbli għall-investituri u fl-aħħar iżda mhux l-inqas se jgħin biex jipprevjeni li l-innovazzjonijiet u l-prodotti tradizzjonali tal-UE jiġu kkupjati illegalment. Il-ftehim fih ukoll l-garanziji kollha biex ikun żgurat li l-kisbiet ekonomiċi ma jseħħux għad-detriment tad-drittijiet fundamentali, tal-istandards soċjali, tad-dritt tal-gvern li jirregola, tal-ħarsien tal-ambjent jew tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Is-CETA mhuwiex soġġett għal proċeduri tar-REFIT; madankollu għandu xi dispożizzjonijiet speċjali għall-SMEs (pereżempju potenzjalment jitnaqqsu l-ispejjeż tal-litigazzjoni bis-Sistema ta' Qorti tal-Investiment għal applikanti li jkunu SMEs).

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt ta' dan il-Ftehim fuq il-baġit tal-UE ser ikun minn żewġ naħat:

Fuq id-**DĦUL**: Huwa stmat li d-dazju li mhux se jinġabar se jilħaq ammont ta' EUR 311-il miljun mal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim wara seba' snin, billi 97.7 % tal-linji tariffarji tal-UE se jitneħħew mad-dħul fis-seħħ tal-ftehim, u mbagħad 1 % addizzjonali gradwalment fi żmien tliet snin, ħames snin jew seba' snin. L-ammont ta' EUR 311-il miljun jikkorrispondi għal 80 % tal-istima tad-dazji miġbura mill-Istati Membri tal-UE fuq importazzjonijiet ta' prodotti mill-Kanada fuq il-bażi tad-dejta tal-2015. Din l-istima tqis id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji l-ġdida, li tnaqqas l-ispejjeż tal-ġbir li jżommu l-Istati Membri minn 25 % għal 20 %.

Fuq in-**NEFQA**: Is-CETA ser ikunu l-ewwel li jinkorpora s-Sistema ta' Qorti tal-Investiment (Investment Court System - ICS) l-ġdida fil-kuntest tas-Sistema ta' Riżoluzzjoni tat-Tilwim dwar l-Investiment. Għalhekk, ammont ta' EUR 0.5 miljun ta' nefqa addizzjonali fis-sena hija prevista mill-2017 'il quddiem (soġġett għal ratifika) biex tiffinanzja l-istruttura permanenti magħmula minn Tribunal tal-Ewwel Istanza u tal-Appell.

Min-naħa l-oħra, il-proposta timplika l-użu ta' riżorsi amministrattivi taħt il-linja baġitarja XX 01 01 01 (Nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jaħdmu mal-Istituzzjonijiet), peress li huwa stmat li se jkun iddedikat amministratur wieħed FTE għall-kompiti inerenti għal dan il-ftehim. Dan huwa indikat fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva u soġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fiha.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tar-rappurtar**

Il-kapitolu amministrattiv u istituzzjonal jistabbilixxi Kumitat Konġunt tas-CETA li se jimmonitorja kontinwament l-implimentazzjoni, it-tħaddim u l-impatti ta' dan il-ftehim. Il-Kumitat Konġunt tas-CETA huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentanti tal-Kanada li se jiltaqgħu darba fis-sena jew fuq talba ta' waħda mill-Partijiet u se jwettqu superviżjoni tal-ħidma tal-kumitati speċjalizzati kollha u tal-korpi l-oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim.

- Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Kumitat Konġunt tas-CETA mhuwiex korp indipendenti u għandu jieħu d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu biss bi ftehim bejn l-UE u l-Kanada. Bl-ebda mod mhu se jillimita s-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tar-regolaturi fl-Istati Membri tal-UE jew fil-livell tal-UE jew tal-istituzzjonijiet awtorizzanti tagħhom.
- L-UE u l-Kanada jistgħu, permezz tal-Kumitat Konġunt tas-CETA jiddeċiedu li jemendaw l-Annessi. Meta l-Partijiet japprovaw tali deċiżjoni, din trid tkun soġġetta għar-rekwiżiti u l-proċeduri interni applikabbli rispettivi tagħhom. L-UE għalhekk tiddeċiedi jekk taqbilx jew le ma' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt billi ssegwi l-proċeduri interni tal-UE kif stipulati fit-Trattat tal-UE. Il-Kumitat Konġunt tas-CETA għalhekk ma jistax jaġixxi mingħajr deċiżjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE, meħuda skont il-proċess ġuridiku intern tal-UE.
- Il-possibbiltà li l-Kumitati Konġunti jadottaw ċerti emendi hija karatteristika komuni fil-ftehimiet internazzjonali kollha, inkluż ftehimiet kummerċjali tal-UE.
- Bħala proċedura speċjali, kif jgħid l-Artikolu 30.2, il-Kumitat Konġunt tas-CETA ma jistax jiddeċiedi li jemenda lista speċifika ta' annessi li għalihom hija meħtieġa il-proċedura sħiħa tal-emendi. Din il-lista tinkludi: Il-Kapitolu 8 — Investiment, il-Kapitolu 9 — Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi, il-Kapitolu 10 — Dħul u Permanenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet ta' Negozju, u l-Kapitolu 13 — Servizzi Finanzjarji (bl-eċċezzjoni tal-Anness 10-A Lista ta' Punti ta' Kuntatt tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea).

Il-kumitati speċjalizzati li ġejjin se jiġu stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Kumitat Konġunt tas-CEPA:

– il-Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti, li jindirizza kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kummerċ fil-prodotti, it-tariffi, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, il-Protokoll dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati ta' valutazzjonijiet tal-konformità u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali marbutin ma' prodotti. Il-Kumitat dwar l-Agrikoltura, il-Kumitat dwar l-Inbejjed u l-Ispirti, u l-Grupp Settorjali Konġunt dwar il-Farmaċewtiċi wkoll għandhom jiġu stabbiliti taħt u jirrapportaw lill-Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti;

– il-Kumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment, li jindirizza materji dwar il-kummerċ transfruntier fis-servizzi, l-investiment, id-dħul temporanju, il-kummerċ elettroniku u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali marbutin mas-servizzi.

– il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali (KKKD), stabbilit taħt il-Ftehim tal-1998 bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-Koperazzjoni Doganali u l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali, li jindirizza kwistjonijiet taħt dan il-Ftehim fir-rigward tar-regoli tal-oriġini, il-proċeduri tal-oriġini, il-faċilitazzjoni doganali u tal-kummerċ, miżuri applikati fil-fruntiera u s-sospensjoni temporanja tat-trattament tariffarju preferenzjali;

– il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, li jindirizza materji dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji;

– il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, li jindirizza kwistjonijiet dwar l-akkwist pubbliku mill-gvern;

– il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji, li jindirizza kwistjonijiet rigward is-servizzi finanzjarji;

– il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jindirizza kwistjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli;

– il-Forum ta' Kooperazzjoni Regolatorja, li jindirizza kwistjonijiet dwar il-kooperazzjoni regolatorja; u

– l-Kumitat tas-CETA dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, li jindirizza kwistjonijiet dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Sal-punt li xi kumitat speċjalizzat minn dawn ikollu xi setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet taħt is-CETA, dawk id-deċiżjonijiet se jittieħdu bl-istess mod bħal dawk tal-Kumitat Konġunt.

• **Implimentazzjoni fl-UE**

Ċerti azzjonijiet se jkollhom jittieħdu biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Dawn se jiġu stabbiliti fil-ħin għall-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn huma regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li se jiġi adottat skont l-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni li jiftaħ il-kwoti tariffarji previsti mill-Ftehim.

• **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

• **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Is-CETA huwa ftehim kummerċjali u ta' investiment komprensiv li fih dispożizzjonijiet dwar it-trattament u l-aċċess nazzjonali għas-suq għall-prodotti, rimedji kummerċjali, l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ, miżuri sanitarji u fitosanitarji, faċilitazzjoni dogonali u tal-kummerċ, sussidji, investiment, il-kummerċ transfruntier fis-servizzi, id-dħul u l-permanenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju, rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, ir-regolamentazzjoni domestika, is-servizzi finanzjarji, is-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali, it-telekomunikazzjonijiet, il-kummerċ elettroniku, il-politika tal-kompetizzjoni, l-impriżi statali, il-monopolji u l-intrapriżi bi drittijiet jew privileġġi speċjali, l-akkwist pubbliku mill-gvern, il-proprjetà intelletwali, il-kooperazzjoni regolatorja, il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, il-kummerċ u x-xogħol, il-kummerċ u l-ambjent, id-djalogi

u l-kooperazzjoni bilaterali, dispożizzjonijiet amministrattivi u istituzzjonali, it-trasparenza u s-soluzzjoni tat-tilwim.

Is-CETA ser ittejjeb b'mod sinifikanti l-opportunitajiet ta' negozju għall-kumpaniji Ewropej fil-Kanada. Bis-CETA il-kumpaniji Ewropej ser jieħdu l-aħjar trattament li l-Kanada qatt offriet lil kwalunkwe sieħeb kummerċjali, u b'hekk ser ikun hemm kundizzjonijiet ugwali fis-suq Kanadiż għall-kumpaniji tal-UE.

Billi jiftaħ is-swieq is-CETA għandu jappoġġja t-tkabbir u l-impjiegi fl-UE u jġib aktar benefiċċji għall-konsumaturi Ewropej. Dan għandu l-potenzjal li jżomm il-prezzijiet baxxi u jipprovdi lill-konsumaturi b'għażla akbar ta' prodotti ta' kwalità. Is-CETA mhux se jibdel l-istandards tal-UE. L-istandards u r-regolamenti dwar is-sigurtà tal-ikel, is-sigurtà tal-prodotti, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-saħħa, l-ambjent, l-istandards soċjali u tax-xogħol eċċ. mhux se jitmissu. L-importazzjonijiet kollha mill-Kanada se jkollhom jissodisfaw ir-regoli u r-regolamenti tal-UE għall-prodotti - mingħajr eċċezzjonijiet.

B'mod aktar speċifiku s-CETA se joffri:

Iffrankar fuq id-dazji doganali

Is-CETA ser iġib benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi u l-kumpaniji Ewropej billi jelimina jew inaqqas id-dazji doganali - fost l-aħjar tnaqqis li qatt inkiseb mill-UE fi ftehim kummerċjali. Dan se jipprovdi opportunitajiet importanti tas-suq lill-kumpaniji Ewropej, inklużi l-SMEs. L-aktar importanti, ħafna mid-dazji doganali se jitneħħew hekk kif is-CETA jidħol fis-seħħ. It-tnaqqis tad-dazji doganali mhux se jbaxxi jew jibdel l-istandards tal-UE. L-importazzjonijiet mill-Kanada se jkollhom jirrispettaw ir-regoli tal-UE.

Opportunitajiet għall-forniturи ta' servizz u protezzjoni trasparenti u effikaċi tal-investiment u l-mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim

Is-CETA huwa bil-wisq l-aktar ftehim wiesa' li qatt ġie konkluż mill-UE fil-qasam tas-servizzi u l-investiment. L-impriżi Ewropej se jkollhom aktar opportunitajiet biex jipprovdu servizzi tat-trasport marittimu speċjalizzati bħal tħammil, ċaqliq ta' kontejners vojta u trasport ta' ċertu merkanzija fil-Kanada. Il-kumpaniji Ewropej se jkollhom ukoll vantaġġi ġodda biex jiksbu approvazzjoni ta' proġetti ta' investiment fil-Kanada, biex jipproteġu l-investimenti tagħhom u jinfurzaw id-drittijiet tagħhom f'każ ta' trattament inġust permezz ta' sistema bilanċjata u effettiva għas-soluzzjoni tat-tilwim. Għas-setturi tas-servizzi kollha, bħas-servizzi ambjentali, tat-telekomunikazzjoni u l-finanzjament, l-aċċess għas-suq huwa żgurat kemm fil-livell federali kif ukoll — għall-ewwel darba — fil-livell provinċjali. Fis-CETA — bħal fil-ftehimiet kummerċjali kollha tagħha — l-UE tipproteġi s-servizzi pubbliċi. Għal darb' oħra, l-investituri u l-forniturи tas-servizzi Kanadiżi ser ikollhom jirrispettaw ir-regolamenti applikabbli tal-UE.

Protezzjoni tal-investimenti u soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment

Is-CETA jinkludi l-innovazzjonijiet kollha tal-approċċ il-ġdid tal-UE dwar l-investimenti u tal-mekkaniżmu tas-soluzzjoni għat-tilwim tagħha u b'hekk jilħaq l-aspettattivi tal-partijiet konċernati għal sistema aktar ġusta, aktar trasparenti u istituzzjonalizzata għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investiment. Dan jintroduċi innovazzjonijiet importanti f'dan il-qasam, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-investituri u jippreserva bis-sħiħ id-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw u li jsegwu objettivi leġittimi ta' politika pubblika bħal pereżempju l-protezzjoni tas-saħħa, is-sigurtà, jew l-ambjent. Is-CETA jirrappreżenta bidla sinifikanti mill-approċċ tradizzjonali għall-protezzjoni tal-investiment u s-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investimenti f'ħafna trattati bilaterali dwar l-investiment mad-dinja kollha. Ineħħi l-ambigwitajiet li kienu jagħmluha possibbli li s-sistema l-qadima tiġi abbużata jew interpretata b'mod eċċessiv u joħloq sistema ta' qorti tal-investiment indipendenti, magħmula minn tribunal permanent u

tribunal tal-appell li se tmexxi l-proċedimenti tas-soluzzjoni tat-tilwim b'mod trasparenti u imparzjali.

Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali

Il-Ftehim jipprovdi qafas biex jiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki tal-professjonijiet regolati bħal kontabilisti, periti u inġiniera. Organizzazzjonijiet professjonali rilevanti fl-UE u l-Kanada issa għandhom qafas li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għan-negozjar ta' ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku għall-professjonijiet rispettivi tagħhom. Dawn imbagħad ikollhom jiġu kkonfermati u miftiehem bejn l-UE u l-Kanada.

Trasferimenti eħfef ta' persunal ta' kumpaniji u professjonisti oħra bejn l-UE u l-Kanada

Is-CETA se jagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji li jċaqalqu persunal temporanjament bejn l-UE u l-Kanada. Dan se jiffaċilita l-operat tal-kumpaniji Ewropej fil-Kanada. Se jkun ukoll aktar faċli għal dawk li jipprovdu servizzi professjonali biex jipprovdu temporanjament servizzi legali, ta' kontabbiltà, arkitettura jew servizzi simili.

Ittejjeb il-kapaċità tal-kumpaniji Ewropej li jipprovdu servizzi ta' wara l-bejgħ

Is-CETA se jagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji tal-UE li jesportaw tagħmir, makkinarju u software billi se jippermetti lill-kumpaniji jibagħtu inġiniera tal-manutenzjoni u speċjalisti oħra biex jipprovdu servizzi ta' wara l-bejgħ u servizzi relatati.

Aċċess għal sejħiet għal offerti pubbliċi Kanadiż

